# LILEK

Stajna nibqgħu mifrudin,
Imxennqin
Għal-imħabba
Li xħin qalbna sabet l-oħra
Bdiet titrabba.
Setgħu snîn
Igerbu fuqna
U bħal għanja bla mismugħa
Il-ħajja tnîn.

Imma ltqajna w tħabbejna,
Minn għajnejna
Qrajna l-fehma ta' xulxin.
Ferħanin
Xrara nar m'oħra zewwiġna
U bil-fjamma li kebbisna
Issaħħanna,
Donnu bsarna
Kemm riħ kiesaħ se' jressaħna
Filli ġej.

Imma għalxej'!
Qamu rwiefen bi ħruxija
Wisq qawwija,
Għax il-ġamra
Ma tintefa bl'ebda kesħa,
Bl-ebda resħa.

Għalkemm ġensek ġens barrani,
Barranja l-kelma tiegħek,
Għalkemm lewni le ma jixbaħ
Il-lewn sbejjaħ tal-wiċċ tiegħek ;
Itħabbejna !
U fir-rabta ta' mħabbitna
Dlonk insejna
X'kien jifridna,
Fakkritulna n-nies ħajjiena :
Bl-ebda ħniena
Għafset fuqna
Għax riditna mifrudin.

Minn xulxin
Min se' jbgħedna la ninħabbu;
Hekk kif qgħeda ġewwa jdejja,
Fuq ħaddeja
Dak ħaddejk,
Lejk
Inħares u nitgħaxxaq
Naħlef sewwa
Li ma tbgħedna ebda dnewwa
Ma jberridna l-ikbar hemm,
Ma jifridna l-ebda semm !

Kemm ninħabbu !
U mbgħeda minn xulxin
Stajna nibqgħu mifrudin ...
Imma kellna żgur niltaqgħu
Għal xulxin
Sa mill-ewwel maħturin,
Ma setgħax il-mewġ ibgħedna,
Kif se' tredna
Il-ħruxija ta' ma' dwarna
Kif tifridna minn xulxin ?

r.